MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2008

Numru. 643/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Sonia Xerri bint Paul u Annunziata nee' Camilleri, imwielda fis-16 ta' Dicembru, 1976 u residenti Xerri, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 3277(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Sonia Xerri li giet akkuzata talli nhar il-5 ta' Gunju, 2007 ghal habta tad-09:00a.m. minghajr liceznja mexxiet attivita' turistika jew ippermettiet li xi attivita' turistika titmexxa fi propjeta' No. 40 li kien maghruf bhala Zeppe's Pub fi Pjazza San Guzepp, Qala, Ghawdex li taghha hija s-sid jew il-

kopropjetarja jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita' li kieku kellha liceznja valida:

Rat l-imputazzjoni;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 43(1)(a) tal-Kapitolu 409;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jidher illi meta l-imputata bdiet tmexxi l-bar, kienet taf illi l-permessi kienu ghadhom ma nhargux bhala post licenzjat bhala Snack Bar. Fil-fatt dana stqarritu mal-Pulzija li kienu qed jaghmlu l-inspection. Kien fid-dmir taghha ghalhekk tivverifika qabel ma fethet il-hanut illi l-permessi kienu regolari;

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-impuata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha multa ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1165).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------